# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 36

Data tal-laqgħa: 24 ta' Novembru, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru 2025, fil-5.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci<br>Marilena Galea (ASSENTI) |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:05p.m. billi ntqalet it-talba.

### 36/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**36/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsilla ma kienx irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera pero ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsilliera, is-Sa Marilena Galea, ma kinitx preżenti għal din il-laqgħa.

**36/01/02** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din l-ittra t'aploġija

### 36/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**36/02/01** Il-Minuti tas-seduta numru 35 li nżammet nhar il-Ġimgħa 7 ta' Novembru 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

**36/02/02** Il-Minuti kienu approvati fuq proposta mill-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, sekondat mill-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci.

**35/02/03** Is-Sindku spjegat kif bħala punti mqajmin mill-minuti preċedenti, hi għamlet referenza għall-komumikazzjoni li kienet ġiet ippreżentata fil-laqgħa preċedenti dwar l-użu tal-pixxina. Hi spjegat kif is-Sur Tanti kien informa li l-użu tal-pixxina ser ikun b'xejn pero l-Kunsill ikollu bżonn jieħu ħsieb it-trasport. Hi spjegat li kieku persuna ikollu jgħamel użu minn din il-pixxina, l-

ħlas huwa ta' €20 għal kull siegħa. Is-Sa Meli qalet kif is-Sur Tanti kien talab sabiex din tibda ssir minn Novembru pero peress li deħlin fiż-żmien tal-festi, u kien hemm qbil li din tibda tinżamm wara li jgħaddu l-festi, għal Jannar li ġej. Hi spjegat kif kienet qed tistenna data għal Jannar u ser tkun qed tinforma lill-Kunsill ġaladarba tingħata din id-data.

## 36/03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**36/03/01** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill kif ta l-*injections* ta' l-influwenza u tal-pulmun permezz tas-servizz tat-tabib li ġie jiswa €120. Hi spjegat kif din l-*injection* ħaduha 'l fuq minn mitejn resident.

**36/03/02** Is-Sindku infurmat dwar ix-xogħolijiet li qed isiru fit-toroq minn Infrastructure Malta fejn fi Triq il-Kbira għaddej ix-xogħol b'ritmu tajjeb u kif il-Water Services Corporation kienu għaddew is-servizzi u issa kien jonqos biex jiffinalizza l-kuntrattur.

**36/03/03** Is-Sa Meli spjegat kif ġaladarba kieneter qed tagħmel referenza għall-Infrastructure Malta, hi xtaqet tpoġġi għad-diskussjoni dwar xogħolijiet oħra fit-toroq f'dan ir-raħal. Hi spjegat kif hi xtqet tipproponi tliet toroq – Triq Luigi Catania.

**36/03/04** Il-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, infurmat li Triq Luigi Catania kienet waħda mit-toroq li kienet diġa ġiet ipproponuta meta l-Kunsill kien intalab sabiex jgħati tant kilometri ta' toroq li għandhom bżonn jitranġaw. Hi qalet kif Triq Luigi Catania kienet waħda minn dawn it-toroq.

**36/03/05** Is-Sa Meli infurmat kif it-toroq li hi kienet qed tipproponi kienu Triq Luigi Catania, Triq Santa Katerina (fejn parti minnha ma kinitx għadha saret).

**36/03/06** Is-Sa Helen Gauci infurmat kif din it-Triq kienet ukoll proposta mill-Kunsill sabiex issir.

**36/03/07** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif it-tielet Triq kienet Triq San Bartilmew li għandha bżonn li jaraw is-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt kif ukoll wiċċ ġdid għat-Triq. Hi spjegat li jkun xieraq li t-Triq principali tal-Lokal li tagħti għall-misraħ ikollu wiċċ ġdid.

**36/03/08** Is-Sa Helen Gauci żiedet tgħid kif il-Kunsill kien anke rrakomanda Triq San Nikola.

**36/03/09** Is-Sa Meli spjegat kif għalissa l-Kunsill ġie mitlub li jgħażel l-iktar tliet toroq importanti

**36/03/10** Il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, qalet kif jekk ikun hemm possibilità li jsiru toroq oħra, ikun tajjeb li l-Kunsill jikkunsidra wkoll Triq il-Ġnien.

**36/03/11** Is-Sindku talbet l-approvazzjoni għal dawn it-toroq.

**36/03/12** Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar din il-proposta.

**36/03/13** Is-Sindku infurmat kif fil-laqgħa preċedenti kienet infurmat li qed jiġu organizzata attivitajiet għat-tfal u kif l-attività li jmiss ser tkun żjara lill-EcoHive Academy. Hi spjegat kif din hija akkademja edukattiva u nformali fejn it-tfal jitgħalmu minn eta żgħira fuq l-iskart. Hi infurmat kif din l-attività ser tinżamm nhar is-Sibt 6 ta' Diċembru 2025.

**36/03/14** Is-Sa Meli infurmat li qedha f'komunikazzjoni sabiex torganizza ħarġa għal Esplora u kif ser tkun qed tagħti l-informazzjoni kollha ġaladarba jkun hemm ftehim fuq id-dettalji marbuta ma' din l-attività.

**36/03/15** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-attività tal-Milied li ssir lill-anzjani tal-lokalità li għadha qed tiġi ppjanata.

**36/03/16** Is-Sa Attard infurmat li din ser tinżamm bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena. Hi qalet kif l-informazzjoni kollha ser tkun qed tiġi ppreżentata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**36/03/17** Is-Sindku infurmat li kien ġie mressaq proġett għal Top of the World, fejn it-tender għall-pavimentar kien inħareġ fuq is-sistema ta' l-EPPS, u kif l-iskema ta' manutenzjoni l-Kunsill kien ingħata l-approvazzjoni sabiex jitwettaq dan il-proġett, kif ukoll l-fondi minn Ambjent Malta li ser jgħin fil-kofinanzi ta' dan il-proġett.

**36/03/18** Is-Sa Meli għamlet referenza għas-sit ta' Top of the World fuq il-mappa u għamlet referenza għal trejqa li tinsab perkoluża u tintuża ħafna minn sidien ta' annimali. Hi sppjegat kif din it-Trejqet tagħmel parti mill-Victoria Lines u hija żona turistika. Għal din ir-raġuni hi spjegat kif l-MTA qed jipproponu li jiffinanzjaw proġett f'din iż-żona msemmija sabiex isir pavimentar għan-nies li jkunu qed jagħmlu użu minnha fejn il-prijorità ser tkun qed tingħata lil min ikun għaddej bil-mixi. Iż-żona hija Triq Għaxqet l-Għajn in-naħa ta' fejn in-niċċa tad-Duluri.

**36/03/19** Din il-proposta ġiet approvata mill-Kunsilliera preżenti.

**36/03/20** Is-Sindku infurmat kif il-laqgħa kellha tiġi sospiża temporanjament peress li d-DSE ma kinitx preżenti fil-kamra peress li kien ġie xi ħadd l-uffiċċju.

**36/03/21** Id-DSE reġgħet kienet preżenti għal din il-laqgħa u talbet sabiex jerġa jittieħed il-vot għal dan il-proġett.

**36/03/22** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din il-proposta sabiex jinżamm dan il-proġett fuq *Top of The World.*

**36/03/23** Is-Sindku għamlet referenza għall-avveniment tal-Milied li ser jinżamm nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 2025. Hi pproponiet li dis-sena li *Christmas stalls* jingħataw permess b'xejn li jkunu qed jarmaw f'din l-attività pero jgħatu donazzjoni ta' €25 għal kull *stall* sabiex din tkun b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation.

**36/03/24** Is-Sindku żiedet tgħid kif kien hemm tibdil fuq il-*pony rides* fejn dawn kienu ser ikunu qed jiġu offruta minn Sunflower Pony Club peress li l-prezz kien aħjar kif ukoll ser ikun hemm 2 ponies flok wieħed.

**36/03/25** Il-Kunsilliera approvaw din il-proposta.

**36/03/26** Is-Sa Meli fakkret lill-Kunsilliera kif matul din il-laqgħa ser ikun hemm preżenti l-President ta' Malta, l-Eċċellenza tagħha Myriam Spiteri Debono, u għal din ir-raġuni staqsiet jekk il-Kunsill għandux jgħati rikonoxximent żgħir. Hi infurmat ukoll kif it-tfal li jattendu l-Kunsill tat-tfal kienu qed jippreparaw kartolina li ser jippreżentawla waqt dan l-avveniment.

**36/03/27** Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jippreżenta bukket fjuri lill-Eċċellenza tagħha meta tkun preżenti waqt din l-attività.

**36/03/28** Is-Sindku infurmat kif riċentament hi flimkien mad-DSE kellha appuntament mal-BOV fil-branch tan-Naxxar sabiex it-tnejn li huma jingħataw l-aċċess u jkunu firmatorji. Hi spjegat kif sabiex isir dan hemm bżonn li tiġi mgħotija l-approvazzjoni mill-Kunsill waqt din il-laqgħa bħala rizoluzzjoni.

**36/03/29** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif riedet tgħaddi riżoluzzjoni oħra sabiex il-Kunsill ikollu *debit card* biex ikunu jistgħu jsiru d-deposits biss peress li s-sistema ta' *off the counter*, ser tispicca minn Diċembru 2025.

**36/03/30** Is-Sa Meli ressqet it-tielet u l-aħħar riżoluzzjoni biex hi flimkien mad-DSE jingħataw aċċess għall-*internet banking*. Dan kollu peress li d-dettalji kienu għadhom ma nbidlux.

**36/03/31** Il-Kunsilliera preżenti approvaw dawn it-tliet riżoluzzjonijiet ppreżentata f'din il-laqgħa.

**36/03/32** Is-Sindku infurmat kif nhar il-Ġimgħa 21 ta' Novembru 2025 dan il-Kunsill kien ġie infurmat kif l-applikazzjoni sottomessa għal SPI/SCI/06/2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali – kienet ġiet approvata.

**36/03/33** Is-Sa Meli infurmat kif l-Malta Tourism Authority kienu infurmaw lill-Kunsill li huma ser jgħatu s-somma ta' €3,000 għat-tiżjin tal-Milied.

**36/03/34** Is-Sa Meli infurmat kif Triq Katerina Sammut hemm proċeduri legali u IM ma jistgħux jaħdmu fuqha u b'hekk din għadha ma saritx. Hi spjegat kif il-Kunsill ma jistax jaħdem fuqha lanqas minħabba li mhux fir-responsabilità tal-Kunsill, hi qed titlob lill-Awtorità ta' l-Ippjanar biex it-triq tkun parti mill-obbligazzjonijiet għal dawk li jkunu qed jgħamlu l-iżvilupp f'din it-Triq. Hi spjegat kif qed tivverifika fuq din il-klawsola biex jekk din hija inkluża, il-Kunsill jara li l-Awtorità ta' l-Ippjanar issir.

**36/03/35** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-kuntrattur B. Grima dwar ix-xogħolijiet li hemm pendenti infurmat kif il-Kunsill kien ġie infurmat li jinsab imsiefer u ser ikun qed jgħaddi l-kwotazzjonijiet tax-xogħol mitluba la jkun lura xogħol.

**36/03/36** Is-Sa Meli ġiet infurmata kif il-Kunsill kien ġie avviċinat mill-iskola tal-Primarja tal-Għargħur dwar il-problema li l-iskola m'għandhiex ħruġ ta' evakwazzjoni minn naħa ta' wara ta' l-iskola. Hi spjegat kif għal din ir-raġuni kienet inżammet żjara fuq il-post u kien hemm konferma ta' dan.

**36/03/37** Is-Sa Meli spjegat kif għal din ir-raġuni l-Perit ġie mitlub sabiex jipprepara rapport dwar x'hemm bżonn li jsir pero l-ispiża mhux ser tkun fuq il-Kunsill imma fuq l-iskola. Għal din ir-raġuni, is-Sa Meli talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex l-iskola tingħata aċċess għal Ġnien il-Paci.

**36/03/38** Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti sabiex ikun hemm bieb li jgħati aċċess għal Ġnien.

**36/03/39** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-komunikazzjoni li hi kienet għaddiet lill-Kunsilliera dwar l-istudju li kien qed isir mill-Univeristà ta' Malta u kif kien hemm stedina sabiex l-istudenti jistgħu jippreżentaw r-rapport li għandhom s'issa. Hi spjegat kif din ser tinżamm nhar l-Erbgħa 3 ta' Diċembru 2025 fis-2:30 ta' wara Nofsinhar ġewwa l-Università.

**36/03/40** is-Sa Meli kompliet tgħid kif f'din il-komunikazzjoni hi kienet tablet lill-Kunsilliera jinfurmaw bl-attendenza tagħhom u peress li ma kienet irċiviet xejn.

**36/03/41** Is-Sa Meli għamlet referenza għat-talba li hi kienet ressqet f'isem il-Kunsill ta' Ħal Għargħur fil-laqgħa tar-Reġjun sabiex il-fondi mgħotija mir-Reġjun jintużaw bħala parti mill-proġett li l-Kunsill ser jieħu l-fondi għalihom mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jinxtara vann għall-Kunsill.

**36/03/42** Is-Sa Meli spjegat kif ir-Reġjun ma kienx laqa din it-talba peress li hu kien qed jitlob li l-proġett li jiġi mressaq ikun biss bejn il-Kunsill u r-Reġjun u ma jkunx hemm terzi persuni.

**36/03/43** Is-Sa Meli qalet kif Sadanittant hi kienet tkellmet mas-Sa Helen Gauci biex tara jekk l-isponsor tkunx lesta li tisponsorja din minflok it-*telephone box* u infurmat kif l-isponsor mhux lest li jgħamel hekk.

**36/03/44** Is-Sa Meli infurmat kif hi flimkien mad-DSE għamlu ftit kalkoli u l-ammont li qed jitħallas fix-xahar għal kirja tal-vann u qalet kif il-kofinanzjament li jrid jinħareġ mill-Kunsill huwa ta' madwar €7,000. Jekk tinħareġ din l-ispiża u l-Kunsill iwaqqaf il-kirja tal-vann, wara ftit xhur ser tkun aktar idejali fuq il-finanzi tal-Kunsill biex dawn ikunu assi.

**36/03/45** IS-Sa Meli għamlet referenza fuq it-*telephone box* u ssuġġeriet sabiex il-Kunsill iressaq ir-restawr tat-*telephone box.*

**36/03/46** Is-Sa Helen Gauci fakkret li l-*isponsor* li kienet lesta li tiffinanzja r-restawr tat-*telephone box* kienet lesta li tagħmel dan u l-fondi tar-Reġjun ikunu jistgħu jintużaw għal proġett ieħor fir-raħal.

**36/03/47** Is-Sa Mariah Meli żiedet tgħid li l-Kunsill kien għadu qed jistenna li jirċievi kwotazzjonijiet tal-kameras sabiex il-Kunsill ikun jistà japplika għal dawn mill-iskema li kienet inħarġet mill-Aġenzija, LESA.

**36/03/48** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill hi kienet ġabet aktar informazzjoni fuq is-sistema tal-kameras u kienet infurmata li l-Kunsill jingħata persentaġġ mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet li jkunu mħalsa.

**36/03/49** Is-Sa Gauci staqsiet jekk dawn il-kameras hux ser isiru bil-fondi tal-LESA.

**36/03/50** Is-Sa Meli ikkonfermat li dawn kienu ser isiru mill-fondi tal-LESA ġaladarba jkun hemm approvazzjoni.

**36/03/51** Is-Sa Gauci staqsiet x'tip ta' vann ser ikun qed jinxtara u jekk hux 7 seater u jekk hux aċċessibli għal min jgħamel użu bil-*wheelchair.*

**36/03/52** Is-Sa Meli infurmat li din il-kwotazzjoni kienet ġiet ippreżentata fil-laqgħa t'Awwissu 2025 u kif ser issir l-kwotazzjoni u terġa tiċċirkula.

**36/03/53** Wara li kien hemm approvazzjoni fuq dawn l-iskemi, is-Sa Meli fakret li kien jonqos li jiġi deċiż x'proġett jistà jiġi mressaq għall-approvazzjoni bil-fondi tar-Reġjun.

**36/03/54** Peress li matul il-laqgħa ħadd ma kellu ideat, kien hemm qbil sabiex il-Kunsilliera jibgħatu l-proposta ta' kif dawn il-fondi jistgħu jiġu utiliżżati permezz ta' emejl lid-DSE sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 2025 sabiex dawn jiġu diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 36/04 Tweġibiet mill-Kunsilliera

**36/04/01** Id-DSE infurmat kif il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard.

**36/04/02** Is-Sa Attard infurmat kif xi ħadd kien għamel rapport fuq l-*bus stop* ta' fejn il-bandli fejn is-saqaf għandu bżonn it-tiswija.

**36/04/03** Is-Sa Attard infurmat għamel talba sabiex issir *sleeping policeman* ġewwa Triq Isqof Gargallo.

**36/04/04** Is-Sindku staqsiet jekk hemmx qbil mir-residenti. Hi talbet lid-DSE sabiex tintbagħat ittra lir-residenti għall-approvazzjoni jew oġġezzjoni tagħhom.

**36/04/05** Is-Sa Attard talbet aġġornament fuq arblu tad-dawl fi Triq Isqof Gargallo.

**36/04/06** Id-DSE infurmat li kull talba fuq dawl kien ġie ipproċessat u ser tkun qed tiċċekja dwar dan u tagħti aġġornament.

**36/04/07** Il-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, talbet sabiex tressaq ftit punti jew domandi.

**36/04/08** Fuq l-approvazzjoni tas-Sindku, is-Sa Gauci staqsiet jekk il-Kunsill kienx hemm informazzjoni fuq is-sistema ta' permessi onlajn.

**36/04/09** Id-DSE infurmat li kellha l-informazzjoni u din kienet ser tiġi diskussa aktar tard f'din il-laqgħa.

**36/04/10** Is-Sa Helen Gauci għamlet referenza għall-*workshop* li kien inżamm fis-sala tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur u jekk in-nies li kienu preżenti kienux residenti ta' Ħal Għargħur. Hi spjegat li kienet qed tistaqsi dwar dan peress li kienet infurmata li kien hemm xi nies li xtaqu japplikaw imma kienu ġew infurmata li n-numru kien ġie milħuq u ma kienx fadal aktar postijiet.

**36/04/11** Is-Sa Meli infurmat li kien hemm nies mill-lokal kif ukoll nies minn barra.

**36/04/12** Is-Sa Gauci issuġġeriet sabiex fl-avvenimenti li jmiss, il-Kunsill għandu jara li l-ewwel tkun miftuħa lin-nies tal-Għargħur u jekk il-konkorrenza ma tkunx waħda kbira, din is-sejħa tkun miftuħa għall-pubbliku.

**36/04/13** Is-Sa Meli spjegat kif l-avviż għal dan il-*workshop* kien ippublikat fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill permezz ta' google form li kienet aċċessibli għal kulħadd. Hi spjegat li l-konkorrenza kienet kbira u b'hekk ma setgħux jaċċettaw aktar *bookings.*

**36/04/14** Is-Sa Meli spjegat ukoll kif kien hemm integrazzjoni sabieħa bejn residenti li minn dejjem kienu jgħixu fil-Għargħur flimkien ma dawk li milhomx hafna residenti l-Għargħur u l-konkorrenza kienet sabieħa.

**36/04/15** Is-Sa Gauci staqsiet għal aktar informazzjoni dwar il-grupp ta' studenti mill-Estonja li kienu mistienda l-Kunsill.

**36/04/16** Is-Sa Meli spjegat kif Malta kien hawn delegazzjoni mill-Estonja u espremew ix-xewqa li jżuru l-Għargħur fejn hi dawrithom mal-lokal u laqatom fl-uffiċċju tal-Kunsill bħala Sindku tal-Lokal biex jgħamlu laqgħa informali. Hi żiedet tgħid ukoll li bi pjaċir huma espremew ix-xewqa li jgħamlu *town twinning* mal-lokal.

**36/04/17** Is-Sa Helen Gauci għamlet referenza għal Triq Karmnu Zarb fejn kienu saru double yellow lines u l-għada kienu ġew imħassra.

**36/04/18** Is-Sa Meli infurmat kif dawn il-linji kienu saru mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill u b'hekk kellhom jiġi mħassra.

**36/04/19** Is-Sa Gauci spjegat kif hi kienet ressqet talba sabiex isiru dawn il-linji lid-DSE.

**36/04/20** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif hi kienet tat struzzjonijiet ċari sabiex sinjali bħal dawn ma jaqbdux u jsiru qabel ma jkun hemm l-approvazzjoni mgħotija mill-Kunsill waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Dan peress li deċiżjonijiet bħal dawn ma jistgħux isiru bl-għaġla waqt il-gurnata ta' xogħol bl-affarijiet kollha li jkunu għaddejjin.

**36/04/21** Is-Sa Gauci għamlet referenza għal Triq Isqof Gargallo kienu saru linji sofor mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill u wara li kien hemm it-tgergir tan-nies, dawn is-sinjali kienu tneħħew l-għada stess. Hi qalet ukoll kif meta hi kienet bagħtet it-talba, ma kinitx qed tistenna li jsir immedjatament.

**36/04/22** Is-Sa Meli ressqet ir-ritratti li kienet bagħtet ir-residenta u ritratt li d-DSE kienet ħadet minn *google maps* u kif kien hemm *misunderstanding*.

**36/04/23** Kien hemm qbil li jsiru linji sofor metru mill-garaxx.

**36/04/24** Is-Sa Gauci staqsiet dwar il-fondi mgħotija mir-Reġjun u fuq xiex kienu ser jiġu utilizzata.

**36/04/25** Is-Sa Meli infurmat kif il-fondi tar-Reġjun ser ikunu użati għat-tiżjin tal-Milied.

**36/04/26** Is-Sa Gauci għamlet referenza għat-tiżjin tal-Milied li kien sar fit-toroq. Hi spjegat kif wieħed mill-kuntratturi li kien ġie magħżul ma kienx kumpanija li normalment jgħamel it-tiżjin fit-toroq. Hi qalet kif dan il-kumment kienet qed tagħmlu bl-ebda disrispett lejn il-kuntrattur magħżul imma riedet tiġbed l-attenzjoni kif dan il-kuntrattur normalment ma kienx jgħamel tiżjin fit-toroq.

**36/04/27** Is-Sindku infurmat kif il-Kunsill kien ħareġ talba għall-kwotazzjoni u kienet ġiet imressqa fil-laqgħa tal-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

**36/04/28** Id-DSE żiedet tgħid kif għas-sena d-dieħla l-Kunsill għandu jaħseb minn qabel biex tinħareġ sejħa għall-offerti peress li t-total biex isir it-tiżjin kollu fir-raħal kien ser jaqbeż l-€10,000. Hi fakret ukoll kif peress li l-Kunsill jinsab f'problemi finanzjarji, it-talba għall-kwotazzjonijiet kellha tinħareġ wara li l-MTA u l-Kunsill Reġjonali Lvant kienu nfurmaw lill-Kunsill bil-fondi li setgħu jiġu utilizzata. Id-DSE reġgħet ressqet l-informazzjoni li kienet ġiet provduta mill-fornituri fejn ġew mitluba żewġ kwotazzjonijiet għal żewġ żoni differenti u fakret kif il-Kunsill kien ipproċeda bl-orħos kwotazzjonijiet provduta.

**36/04/29** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsill li kienet ser tressaq żewġ ilmenti li bi żvista ma kinitx resqithom bħala parti mill-komunikazzjoni tas-Sindku. Hi ppreżentat ritratti ta Triq Isqof Gargallo fejn garaxx qed jiġi ostakolat minn karozza li qed tkun ipparkjata ftit quddiem il-garaxx u għal din ir-raġuni, ir-resident kien qed jitlob li jsiru linji doppji sofor.

**36/04/30** Is-Sa Meli spjegat kif dan il-każ resqitu għand il-Pulizija minħabba li l-garazzijiet qedin maġemb xulxin.

**36/04/31** Fuq parir mill-pulizija, kien hemm qbil sabiex isiru linji doppji sofor quddiem il-garaxx tar-resident minn koxxa sa koxxa tal-Garaxx minflok il-kaxxa safra li kien hemm fil-preżenti.

**36/04/32** Is-Sindku ressqet fuq il-mejda komunikazzjoni li kienet irċiviet mingħand residenta dwar il-problema ta' skart miġbur quddiem il-propjetà tagħha li qed jiġi mitfuh minn residenti li jgħixu fl-istess blokka tagħha. Hi żiedet tgħid kif fl-istess komunikazzjoni kien hemm ukoll talba dwar il-proċedura sabiex tkun tistà tapplika għal *blue badge parking bay.*

**36/04/33** Kien hemm qbil sabiex l-Kunsill jinforma lill-Pulizija tal-Komunità dwar dan sabiex jekk hemm bżonn tintbagħata anke ittra lill-blokka sabiex jieħdu ħsieb din il-problema.

**36/04/34** Is-Sindku ressqet fuq il-mejda komunikazzjoni dwar is-sewqan perikoluż fi Triq San Ġwann.

**36/04/35** Il-Kunsill qabel li l-problema ta' l-*istorm water* għandha tiġi rrappurtata lill-*Public Works,* ma kienx hemm qbil li jsir *barriers*, u li jkun hemm tabelli li jgħidu lix-xufiera biex inaqqsu l-veloċità u possibilità li jsiru *humps* baxxi jekk huwa possibli.

**34/04/36** Is-Sindku ressqet talba sabiex issir *sleeping policeman* fi Triq Santa Katerina. Hi spjegat kif ir-resident kien qed jitlob sabiex is-*sleeping policeman* li hemm quddiem id-dar tiegħu tiġi mressqa aktar 'il barra.

## 36/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet

**36/05/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat kif dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand it-Tribunal u mir-resident fejn kien qed jgħamel referenza għall-linji doppji sofor li kien hemm quddiem iċ-ċimiterju fi Triq San Ġwann. Ir-resident informa li kien qed jipparkja f'din il-kaxxa u jingħata ċitazzjonijiet u kull darba li telà tribunal, din kienet qed tiġi maħfura. Għal din ir-raġuni r-resident kien qed jitlob sabiex dawn il-linji sofor jitneħħew.

**36/05/02** Is-Sa Meli infurmat kif hi talbet direzzjoni dwar dan mingħand Transport Malta biex nikkonfermaw jekk dawn is-sinjali kienux approvati minn Transport Malta u jekk x'jistà jsir jekk dawn il-linji jitneħħew.

**36/05/03** Is-Sa Meli qrat ir-risposta li kienet ingħatat minn Transport Malta fejn spjegat li dawn il-linji sofor ma kien hemm l-ebda approvazjoni minn Transport Malta u ma jistax ikun hemm linji sofor peress li kien hemm iż-ziguzajk taz-*zebra crossing*.

**36/05/04** Hi kompliet tgħid li kienet qed terġa tistenna risposta lura u kif ser tkun qed tinforma lill-Kunsill ġaladarba ikun hemm direzzjoni.

**36/05/05** Il-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, qal li l-kaxxa safra kienet hemm biex meta jkun hemm funeral, il-hearse ikollha fejn tipparkja.

**36/05/06** Is-Sa Meli infurmat li kif ikollha risposta mingħand Transpoiort Malta, din ser tkun qed tiġi ppreżentata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**36/05/07** Is-Sa Meli qrat korrispondenza li kienet irċiviet mingħand Transport Malta dwar it-*traffic management* fi Triq Santa Katerina li kienet ġiet imqajma fil-laqgħa preċedenti fejn kienet qed tiġi proposta li tiġi *one way.*

**36/05/08** Il-Kunsilliera preżenti ma qablux mad-direzzjoni mgħotija sabiex din it-Triq issir *one way* u kif sadanittant l-uffiċċjali tal-LESA jkunu f'din il-parti.

**36/05/09** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-komunikazzjoni li dan il-Kunsill kien irċieva mingħand is-Sur Lombardi dwar produzzjonijiet li kien qed jgħamel.

**36/05/10** Kien hemm deċiżjoni sabiex tintalab laqgħa sabiex jingħataw aktar informazzjoni.

**36/05/11** Is-Sindku ressqet fuq il-mejda komunikazzjoni mingħand ANSEK sabiex tinforma lill-kunsilli bil-filmati li qed isiru bħala tagħrif dwar informazzjoni u sabiex jitlob lill-Kunsill jgħati suġġerimenti dwar suġġetti li jistgħu jiġu diskussa.

**36/05/12** Is-Sindku ressqet fuq il-mejda fattura li dan il-Kunsill kien irċieva mingħand l-Apetitosa dwar kont pendenti ta' servizz li kien ingħata fi żmien il-festa tal-lokalità tal-2024. Hi spjegat kif il-*purchase order* kienet tgħid li x-xorb kien ser jitħallas fuq skond xi jkun ġie kkonsumat waqt l-attività.

**36/05/13** Is-Sa Meli infurmat kif il-prezz kien varja peress li l-kont kien revedut bl-ammont ġdid skond ix-xorb li kien ikkonsumat u kien hemm diskrepenza kbira fil-prezz.

**36/05/14** Kien hemm qbil li tintalab laqgħa mal-kumpanija.

**36/05/15** Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera kif ma hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa. Madanakollu hi spjegat kif nhar it-Tlieta 18 ta' Novembru l-Kumitat tal-Finanzi kompost mis-Sindku, mill-Viċi Sindku, id-DSE u l-accountant iltaqgħu sabiex jiddiskutu s-sitwazzjoni finanzjarja.

**36/05/16** Is-Sindku żiedet tgħid kif ser ikun qed jiġi ppreparat il-baġit għas-sena 2026 kif ukoll *Business Plan* li qatt ma kien ġie imressaq qabel. Hi qalet ukoll kif fil-laqgħa ta' Diċembru ser ikunu qed jiġu mressqa *Financial Quarter* 2 u 3 għall-approvazzjoni biex b'hekk il-Kunsill jiġi in regola mad-dati ta' l-għeluq għal dawn ir-rapporti finanzjarji.

**36/05/17** Is-Sa Meli infurmat kif dan il-Kunsill ġie infurmat mid-Diviżjoni Għal Gvern Lokali li s-sistema tal-permessi mhux ser tibqa titħallas direttament mid-Diviżjoni imma l-ammont ser jiġi allokat lill-Kunsilli Lokali sabiex dawn ikunu jistgħu jbqadu kumpanija huma.

**36/05/18** Is-Sa Meli spjegat kif is-Sa Annalise Duca mill-Local Permits bagħtet il-proposta tagħha fejn dan il-Kunsill jaqà taħt it-tini kategorija u l-ħlas huwa dak ta' €2,500 fis-sena. Fil-komunikazzjoni mid-Dipartiment hemm miktub li din il-bidla mhux se iġġib magħha piż finanzjarju għall-Kunsill minħabba li d-Diviżjoni ser tkun qed talloka l-fondi meħtieġa biex tkopri l-ispiża.

**36/05/19** Kien hemm qbil li l-Kunsill iżomm din is-sistema għas-sena li ġejja.

## 36/06 Kuntratti, Tenders u MOUs

**36/06/01** Is-Sindku għamlet referenza għas-sejħa fuq is-servizz tal-ġbir ta' skart goff ser jingħalaq nhar it-Tnejn 1 ta' Diċembru 2025.

**36/06/02** Is-Sindku għamlet referenza għas-sejħa li kienet inħarġet għall-proġett fi Triq Għaxqet l-Għajn u ser ikun qed jgħalaq nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2025.

**36/06/03** Is-Sindku infurmat li xtaqet tressaq l-aħħar komunikat mis-Sindku peress li d-dokument relatat ma' dan il-punt ma kienx instab sakemm kien qed isir il-komunikazzjoni tas-Sindku.

**36/06/04** Is-Sa Meli qalet kif l-avukat tal-Kunsill kien għadda l-komunikazzjoni dwar l-pagament pendenti dovut lill-organizzaturi tal-Boxing Tournament li kien inżamm fl-2024. Hi qrat il-komunikazzjoni mibgħuta mill-avukat Dr Giglio li kien qed jirrappreżenta lis-Sa Helen Gauci.

**36/06/05** Is-Sa Meli qalet kif din kienet l-aħħar komunikazzjoni li l-avukat tal-Kunsill kien irċieva u bħala rimarki xtaqet iżżid li l-minuta kienet tindika mod ċar li dan l-avveniment tal-Boxing kien maqbul li jsir mill-Kunsilliera kollha abbażi ta' sponsorship u mhux abbażi ta' allokazzjoni mill-Kunsill Lokali. Hi qalet kif fl-ebda minuta u fl-ebda kuntratt mill-Kunsill preċedenti ma kien hemm li dan l-avveniment tibqa ssir mill-fondi tal-Kunsill Lokali. Hi qalet ukoll kif il-fondi sabiex jiġi mħallas l-organizzatur ser jitħalsu mill-Kunsill b'self mid-Dipartiment.

**36/06/06** Is-Sa Gauci rrimarkat li hi kienet għamlet dak li kienet wegħdet.

## 36/07 Postijiet Vakanti

- ***Sejħa biex timtelà pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur***

**36/07/01** Is-Sa Meli infurmat li dan il-Kunsill kien qed jistenna direzzjoni mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bil-lista ta'kandidati li huma eleġibbli sabiex umbad il-Kunsill ikun jistà jg ħamel l-intervisti ma' kandidati prospettivi.

- ***Clerk, Scala 15, Part Time***

**36/07/02** B'referenza għal din il-pożizzjoni, id-DSE infurmat kif din is-sejħa kienet reġgħet ġiet ippublikata fl-14 ta' Diċembru 2025 u kif kien hemm *boost* fuq l-avviż li kien ippublikat fuq il-paġna tal-Kunsill ta' Facebook. Hi spjegat kif ma kienx hemm numru kbir ta' applikazzjonijiet u talbet l-approvazzjoni sabiex din is-sejħa tiġi rriklamata wkoll fuq Keepmeposted.

**36/07/03** Il-Kunsilliera approvaw li jsir dan ir-riklam.

**36/07/04** Qabel ma tipproċeda fuq l-item li kien imiss fuq l-aġenda, is-Sa Meli xtaqet tressaq punt fuq Triq Isqof Gargallo fejn kienu saru xi sinjali ma' l-art u kif hi kienet saret taf b'dan ix-xogħol mir-residenti. Hi spjegat kif l-uffiċċju kien irċieva komunikazzjoni fis-17 t'Ottubru 2025 biex jinforma lill-Kunsill li kien ġie approvat il-parkeġġ bil-ħin. Hi qalet kif nhar is-17 ta' Novembru, il-persuna mill-uffiċċju li hu responsabbli li jara l-emejls tal-Kunsill kienet bil-*vacation leave* u din waslet it-Tlieta ta' wara. Hi spjegat kif sadanittant leħaqu saru is-sinjali sofor. Immedjatament hi tkelmet ma Transport Malta u staqsiet għal liema raġuni din l-approvazzjoni ma kinitx ġiet mgħotija lill-Kunsill. Hi qalet kif Transport Malta kienu bagħtu ittra bil-posta u jkun hemm perjodu għall-Kunsill sabiex jgħaddi l-oġġezzjoni.

**36/07/05** Is-Sa Gauci tablet min kien talab li jsir dan u kif hi kienet infurmata li din it-talba ma kinitx saret mis-sid tal-ħanut – la t-talba sabiex isir parkeġġ bil-ħin u lanqas li jsiru linji doppji sofor.

**36/07/06** Is-Sa Meli ikkonfermat li din it-talba ma kinitx ġiet imressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill u kif il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda kommunikazzjoni dwar dan bil-posta. Għal din ir-raġuni, hi talbet lill-Transport Malta sabiex iż-żebgħa tal-linji terġa tkun kif kienet. Reġgħet infurmat li l-parkeġġ tal-ħin fl-ebda ħin ma kienet ġiet imressqa talba sabiex isir hekk. Għal din ir-raġuni hi qalet li l-persuna/i li għamlu din it-talba għandhom l-ewwel iressquha għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 36/08 Attivitajiet

**36/08/01** Is-Sa Meli għamlet referenza għad-*Dog Walk* u kif din kienet parti mill-iskema li l-Kunsill kien ħ a sabiex kienu xtraw id-*doggy bins*. Hi infurmat kif din l-attività ser tinżamm nhar is-Sibt 13 ta' Diċembru 2025

**36/08/02** Is-Sa Meli infurmat kif nhar is-Sibt 6 ta' Diċembru 2025 ser tinżamm il-ħarġa għat-tfal għal EcoHive li kienet ġiet imsemmija fil-laqgħa preċedenti.

**36/08/03** Is-Sa Meli infurmat li qed tiġi organizzata attività għar-residenti għal żmien il-Milied u kif id-dettalji ta' din l-attività jilħqu jiġu deċiżi qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**36/08/04** Is-Sa Attard issuġġeriet li tiġi ċċirkulata emejl bl-informazzjoni relatata ma' din l-attività.

**36/05/05** Is-Sa Meli fakret kif fl-1 ta' Diċembru ser jinxtgħelu d-dekorazzjonijiet tad-dawl tal-milied fit-toroq u fakret kif nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru ser tinżamm l-attività tal-Milied kif kien ġie

diskuss fil-bidu ta' din il-laqgħa u talbet sabiex il-Kunsilliera jkunu preżenti b'mod speċjali meta tkun preżenti l-President ta' Malta.

## 36/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**36/09/01** B'referenza għall-iskeda ta' ħlasijiet is-Sindku infurmat kif il-Kumitat tal-Finanzi kien żamm laqgha sabiex idur l-iskeda ta' pagamenti li qed jiġu ppreżentati f'din il-laqgħa. Għal din ir-raġuni hi ppreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Aġenda.

**36/09/02** Il-mozzjoni ġiet approvata fuq proponet tas-Sur Christopher Fenech u sekondant mis-Sa Helen Gauci.

**36/09/03** Id-DSE ressqet il-Petty Cash u din ġiet approvata mill-Kunsilliera preżenti.

## 36/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**36/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-18:38.m. wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru 2025 fil-5:00p.m.

**Mariah Meli**
**Sindku**

**Jeanette Galea**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**